MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 483/2007

**A**

**-vs-**

**Dr. Richard Sladden u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar li b’digriet tat-18 ta’ Jannar 2009 ġew nominati bħala kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw l-assenti B; u b’digriet tal-11 ta’ Lulju 2008 l-inkarigu tal-kuraturi deputati ġie revokat *stante* li l-konvenut B assuma l-atti f’ismu proprju.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-12 ta’ Diċembru 2007 li permezz tiegħu l-attriċi esponiet bir-rispett:

1. Illi l-attriċi u l-konvenut B iżżewġu fl-14 ta’ Novembru 2006, f’_____ *omissis* ______, liema żwieg ġie reġistrat

Malta kif jirriżulta miċ-ċertifikat hawn anness u mmarkat bħala Dok A;

2. Illi l-kunsens ta' l-attriċi għaż-żwieġ imsemmi nkiseb b' qerq dwar kwalita' tal-konvenut li mix-xorta tagħha fixklet serjament il-ħajja miżżewġa kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

3. Illi l-kunsens tal-konvenut għaż-żwieġ imsemmi kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tiegħu li, kif ukoll ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, għamlitha mpossibbli għall-istess konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

4. Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ;

5. Illi għalhekk iż-żwieġ bejn il-partijiet kien null u invalidu fil-liġi;

6. Illi l-esponenti taf personalment bil-fatti kollha dikjarati u debitament enumerati;

Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn premessi l-attriċi umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddeċiedi u tiddikjara li ż-żwieġ bejn il-kontendenti iċċelebrat fl-14 ta' Novembru 2006, f'____ *omissis* ____, u reġistrat f'Malta, kien null u invalidu għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u dan *ai termini* tal-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta b'mod ġenerali, u b'mod speċifiku a tenur tal-provvedimenti tal-paragrafi (a), (b), (c), (d) u (f) tal-istess Artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taż-Żwieġ relattiv.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li tibqa' minn issa nġunt għas-subizzjoni tiegħu.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti *nomine*, ippreżentata fl-4 ta' Frar 2008, li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi preliminarjament, l-esponenti mhux edotti mill-fatti tal-każ u jirriservaw li jipprovdu r-risposti tagħhom fid-dettall fi stadju ulterjuri meta jikkomunikaw ma' l-assenti konvenut;

2. Illi għal dan l-iskop kitbu lill-avukat tal-attriċi sabiex jingħataw kull informazzjoni nkluż indirizz tal-konvenut.

Salv eċċezzjonijiet oħra.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet tal-11 ta' Lulju 2008 li permezz tiegħu l-konvenut ġie ammess fil-kawża f'ismu proprju fuq talba tiegħu stess;

Rat ir-risposta tal-konvenut a fol. 32 tal-process, ippreżentata fl-20 ta' Ġunju 2008 li permezz tagħha espona:

1. Illi preliminarjament jiġi eċċepit li l-intimat jinsab fil-gżejjer Maltin, u għalhekk m'hemmx bżonn li jigi rappreżentat minn kuraturi deputati.

2. Illi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet attriċi huma lkoll infondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk għandhom jiġu miċħuda;

3. Illi ż-żwieġ li seħħ bejn il-partijiet nhar l-14 ta' Novembru tas-sena elfejn u sitta (2006) mhux null *stante* li mhux minnu li dan kien b'xi mod vizzjat u dan kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża;

4. Illi fi kwalunkwe każ l-esponent m'għandux ibati l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri *stante* li r-rikorrenti kienet ben taf tajjeb x'inhi tagħmel;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda;

Rat l-atti proċesswali;

Rat l-affidavits tal-attriċi u ta' *omissis*;

Rat l-affidavit tal-konvenut ;

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Ġunju 2009 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza wara d-debita trattazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob l-annullament taż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fil-14 ta' Novembru 2006 a bażi tal-artikolu 19 (1) (a), (b), (c), (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-konvenut qed jikkontesta t-talba.

Kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin: *"F'materja ta' żwieġ illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieġ annullabbli bl-iktar mod faċli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriċċożament wara xi żmien ta' żwieġ jiddeċiedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament raġunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieġ għandu jiġi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kapriċċi ta' dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta ċara u mingħajr dubju."* (**"Anna Tonna vs Alexander Tonna"** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991). Dan japplika f'kull kawża ta' annullament ta' żwieġ anke fejn ikun hemm sempliċi ammissjoni.

L-artikli ċitati mill-attriċi jirrigwardaw:

19 (1) (a) – kunsens vizzjat bi vjolenza fiżika jew morali;

19 (1) (b) – kunsens vizzjat bi żball dwar il-kwalita' tal-parti l-oħra;

19 (1) (c) – kunsens vizzjat b'qerq dwar il-kwalita' tal-parti l-oħra;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha jew b'anomalija serja psikoloġika li tagħmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi parti jkun inkiseb b'esklużjoni pożittiva taż-żwieġ jew xi element essenzjali tiegħu, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ.

L-attriċi tgħid li hija u zijitha *omissis* marru s-__ *omissis* __ u ltaqgħu ma' żewġ ġuvintur li bdew jiffrekwentawhom. Qalulhom li xtaqu jiġu Malta magħhom iżda bilfors kellhom jiżżewġuhom biex ikunu jistgħu jiġu. Fil-fatt wara li żżewġu l-attriċi u zijitha ġew Malta iżda meta żwieġhom ġew Malta qatt ma marru jgħixu magħhom u ma lanqas jafu fejn marru joqogħdu. Fil-fatt zijitiha istitwiet kawża għall-annullament li ġiet deċiża favorevolment għaliha permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-17 ta' Marzu 2009 liema sentenza ġiet esebita. Naturalment din is-sentenza m'għandha ebda rilevanza *ut sic* għal din il-kawża iżda sservi ta' konferma għal dak li qed tallega l-attriċi. Il-konvenut ċaħad dan kollu iżda minn eżami akkurat tal-provi il-Qorti ma tara ebda raġuni għaliex l-attriċi ma għandhiex titwemmen u jidher ċar li l-konvenut inqeda biha u meta kellu f'idejh iċ-ċertifikat taż-żwieġ ma kienx jinteressaħ aktar mill-attriċi. Għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu milqugħa għax jirriżultaw għall-anqas il-kawżali ndikati taħt is-sub-inċiż (d) u (f).

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talba tal-attriċi u tiddikjara null iż-żwieġ bejn il-kontendenti kontrattat fl-14 ta' Novembru 2006; l-ispejjeż ikunu bla taxxa**

**bejn il-kontendenti, iżda l-attriċi għandha tħallas l-ispejjeż u d-drittijiet tal-kuraturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------